# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 16 ta’ Frar, 2017**

**Kawża Nru 16**

**Rik. Nru. 789/14JRM**

**LIDL IMMOBILIARE MALTA LIMITED (C – 36321)**

vs

Michael **MIFSUD** bħala segretarju amministrattiv u Stephen Sultana[1] bħala Sindku tal-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera u in rappreżentanza tal-istess

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta’ Settembru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (i) issib li l-egħmil amministrattiv tal-Kunsill imħarrek attwat fit-12 ta’ Marzu, 2014 bit-tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq Misraħ il-Barrieri f’Santa Venera huwa null, ma jiswiex u m’għandu ebda effett billi jmur lill hinn (“*ultra vires*”) mis-setgħat tiegħu, u anke billi l-egħmil imwettaq minnu ma kienx awtorizzat sabiex iwettqu u jew billi l-Kunsill imħarrek ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji hu u

[1] Isem miżjud b’degriet tat-28.10.2014

jwettaq xogħlu jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, u/jew jammonta għall-abbuż tas-setgħat tiegħu għaliex imtebba' b'għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti u jew/ għaliex l-egħmil hu wieħed arbitrarju, u (ii) tordna li s-sistema tat-traffiku terġa' ssir kif kienet qabel ma ttieħdet l-imsemmija deċiżjoni, u (iii) ssib lill-Kunsill imħarrek responsabbli għad-danni kontemplati taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Settembru, 2014[2], li bih ordnat in-Notifika lill-Kunsill imħarrek u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-20 ta' Ottubru, 2014, li biha l-Kunsill imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (i) ir-Rikors Maħluf huwa irritwali billi r-rappreżentanza ġuridika tal-Kunsill imħarrek hija vestita fis-Sindku tal-istess Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv; (ii) l-azzjoni ma tiswiex billi ma tressqitx fiż-żmien ta' tliet (3) xhur stabbilit mill-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12; (iii) safejn l-azzjoni attriċi titlob li din il-Qorti tordna li s-sistema tat-traffiku jitreġġa' għal li kien qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tistħarreġ it-talba mressqa mill-kumpannija attriċi billi ordni bħal din taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-entita' pubblika oħra; u (iv) in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni billi t-talba għal dikjarazzjoni ta' danni ma sseġwi l-ebda premessa li tgħid illi l-kumpannija attriċi soffriet danni minħabba d-deċiżjoni meħuda. Fil-mertu, jiċħad li (i) ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji hu u jwettaq xogħlu u (ii) li abbuża mis-setgħat tiegħu. Jgħid ukoll li (iii) il-kumpannija attriċi għandha tipprova x-xiljiet tagħha, (iv) li hu ma mexiex b'mala fede jew irraġjonevolezza għaldaqstant m'għandux iwieġeb għall-ebda talba ta' danni; u li (v) il-kumpannija attriċi għandha tipprova l-allegat danni mġarrba;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2014[3], li bih u fuq talba magħmula mill-Kumpannija attriċi b'rikors tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2014, fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill imħarrek, ordnat il-bdil fl-okkju tal-kawża billi jiżdied bħala imħarrek is-Sindku Stephen Sultana;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2014[4], li biha ordnat li l-ewwel kienet sejra tisma' t-trattazzjoni tat-tieni u raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-Kunsill imħarrek u tagħti sentenza dwarhom, u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

[2] Paġ. 9 tal-proċess
[3] Paġ. 31 tal-proċess
[4] Paġ. 34 tal-proċess

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-21 ta' Jannar, 2016[5], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kunsill imħarrek fit-22 ta' Frar, 2016[6] dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-10 ta' Marzu, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-Kunsill imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tat-3 ta' Mejju, 2016[8], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Lidl") tilmenta minn egħmil amministrattiv illegali u abbużiv dwar il-mod kif l-aċċess għal Triq Misraħ il-Barrieri minn Triq il-Kappillan Mifsud inbidel billi l-pubbliku ma baqax jista' jeċċedi għall-istabbiliment tagħha b'mod dirett. Tilmenta li ma ġietx konsultata u lanqas sar studju fuq l-impatt tat-traffiku qabel ma ħareġ ordni biex ġab fis-seħħ dan it-tibdil. Trid li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni li ttieħdet li tibdel is-sistema tat-traffiku fl-inħawi u li l-Kunsill imħarrek jinstab responsabbli għad-danni mġarrba minħabba dak it-tibdil u biex jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin minnha;

Illi għal din l-azzjoni, il-Kunsill imħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li (i) ir-Rikors Maħluf huwa irritwali billi r-rappreżentanza ġuridika tal-Kunsill imħarrek hija vestita fis-Sindku tal-istess Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv; (ii) l-azzjoni ma tiswiex billi ma tressqitx fiż-żmien ta' tliet (3) xhur stabbilit mill-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12; (iii) safejn l-azzjoni attriċi titlob li din il-Qorti tordna li s-sistema tat-traffiku jitreġġa' għal li kien qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni, tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tistħarreġ it-talba mressqa mill-kumpannija attriċi billi ordni bħal din taqa' fil-

5 Paġ. 192 tal-proċess
6 Paġġ. 193 - 8 tal-proċess
7 Paġġ. 200 - 3 tal-proċess
8 Paġ. 206 tal-proċess

ġurisdizzjoni tal-entita' pubblika oħra; u (iv) in-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni billi t-talba għal dikjarazzjoni ta' danni ma sseġwi l-ebda premessa li tgħid illi l-kumpannija attriċi soffriet danni minħabba d-deċiżjoni meħuda. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi b'degriet tat-28 ta' Ottubru 2014, il-Qorti ordnat bidliet fl-'okkju' tal-kawża u indirizzat l-ewwel eċċezzjoni preliminari, li issa ma għadx hemm lok għaliha;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari, u jiġifieri dwar jekk l-azzjoni tal-attur tressqitx fiż-żmien mogħti mil-liġi taħt l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12; u dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi jekk huwiex meħtieġ li talba għad-danni tiġi preċeduta bi premessa u b'dikjarazzjoni mill-kumpannija attriċi tad-danni mġarrba minnha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li Lidl tmexxi stabbiliment kummerċjali mdaqqas ġewwa Triq Misraħ il-Barrieri, f'Santa Venera. Għal numru ta' snin, dan l-istabbiliment kellu aċċess b'mod dirett mit-triq ewlenija, jiġifieri Triq il-Kappillan Mifsud, kif ukoll minn Triq Omnibus[9]. Qabel ma nbena dan l-istabbiliment, it-traffiku f'dak l-inħawi kien ġenerat differenti[10];

Illi f'Settembru tal-2013, wara li kellu lmenti dwar it-tħaddim tas-sistema tat-traffiku f'dawk l-inħawi, il-Kunsill imħarrek ġab approvazzjoni mit-Transport Malta biex it-traffiku f'numru ta' toroq qrib l-istabbiliment kummerċjali ta' Lidl jinbidel. Huwa għarraf b'dan lir-residenti tal-inħawi permezz ta' ittra tas-6 ta' Settembru, 2013[11]. Ir-residenti ma qablux mat-tibdil kif propost u ressqu petizzjoni[12] lill-Kunsill biex issir bidla fis-sistema minnu propost. Il-Kunsill sejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti u n-negozji kollha tal-akkwati[13]. Il-laqgħa saret fl-24 ta' Jannar, 2014[14], u n-nies ġew mgħarrfa permezz ta' ittra[15] li ntbgħatet bieb bieb, kemm fid-djar privati u kif ukoll fl-istabilimenti kummerċjali li jaqgħu fl-istess inħawi[16], magħdud l-istabiliment ta' Lidl;

Illi fis-17 ta' Frar, 2014[17], ittieħdet id-deċizjoni mill-Kunsill imħarrek biex l-aċċess għal Triq Misraħ il-Barrieri minn Triq il-Kappillan Mifsud jingħalaq, b'hekk ikun hemm ħruġ biss minn din it-triq u ssir "*one way*". Din id-

[9] Ara x-xhieda ta' Riccardo Magarini f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess u ta' Stephen Sultana f'paġ. 140 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana f'paġ. 135 tal-proċess
[11] Dok. "SS1" f'paġġ. 108 – 9 tal-proċess
[12] Ara Dok. "SS" f'paġġ. 104 – 7 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana f'paġ. 137 tal-proċess
[14] Ara Dok. "A" u Dok. "B" f'paġġ. 18 – 21 tal-proċess
[15] Ara Dok. "SS2" f'paġ. 110 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana f'paġ. 138 tal-proċess
[17] Ara minuta 5.3 fid-Dok. "SS3" f'paġ. 113 tal-proċess

deċiżjoni ġiet mgħarrfa lir-residenti permezz ta' ittra maħruġa mill-Kunsill imħarrek fl-24 ta' Frar, 2014[18]. It-tibdil fis-sistema tat-traffiku kellu jkun fuq prova ta' xahar[19]. Is-sistema baqgħet hekk sa llum u l-Kunsill imħarrek jgħid li għandu l-approvazzjoni ta' dan minn Transport Malta[20]. Fi kliem il-Kunsill, b'riżultat ta' dan it-tibdil, l-aċċess għal Triq Misraħ il-Barrieri żdied[21];

Illi Lidl tgħid li qatt ma rċeviet xi forma ta' komunika f'idejha marbuta mat-tibdil propost mingħand il-Kunsill imħarrek[22], u saret taf bih biss fil-jum meta twaħħlu t-tabelli tat-triq, jiġifieri fit-12 ta' Marzu, 2014. Waqt laqgħa li kellha mal-Kunsill imħarrek dak ix-xahar, rappreżentant tagħha lmenta mill-fatt li ħadd ma ikkonsultaha qabel ittieħdet id-deċiżjoni. Għad-dikjarazzjoni ta' rappreżentant tal-istess Kunsill li l-avviż tal-laqgħat tqassam lil kulħadd f'dawk l-inħawi, Lidl ma ċaħdetx il-possibilta' li l-korrispondenza li setgħet ġiet twasslet fl-istabbiliment tagħha intremiet, anke minħabba l-fatt li n-nies fl-istabbiliment jinbidlu b'mod regolari. Hija talbet illi l-korrispondenza fil-futur tintbagħat fl-uffiċju ewlieni tagħha f'Ħal Luqa[23];

Illi Lidl talbet lill-Kunsill imħarrek biex iħalliha twaħħal tabelli bl-isem tal-istabbiliment tagħha mat-toroq tal-inħawi sabiex wieħed seta' jasal għalih minħabba l-bdil li kien sar fis-sistema tat-traffiku, u l-Kunsill imħarrek ma oġġezzjonax għal din it-talba[24]. Kemm hu hekk Lidl waħħlet bosta sinjali biex turi lil min irid jasal sal-istabbiliment (bil-karozza) seta' jagħmel dan;

Illi fit-8 ta' April, 2014[25], Lidl bagħtet protest ġudizzjarju lill-Kunsill imħarrek fejn ilmentat mill-aġir tiegħu u talbitu biex ireġġa' lura s-sistema tat-traffiku għal li kien fi żmien jumejn;

Illi billi l-Kunsill baqa' ma bidilx id-deċiżjoni tiegħu, fil-11 ta' Settembru, 2014, infetħet din il-kawża;

Illi <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami jirrigwardaw aspett proċedurali li jolqtu s-siwi tal-azzjoni attriċi. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, l-azzjoni attriċi taqa' u l-kawża tieqaf hemm;

---

[18] Ara Dok. "SS4" f'paġġ. 116-117 tal-proċess
[19] Ibid paġ. 116
[20] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana in kontro eżami f'paġ. 146 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana f'paġġ. 140 – 1 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Riccardo Magarini f'paġ. 122 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda ta' Stephen Sultana f'paġ. 137 tal-proċess
[24] Ibid paġ. 124 tal-proċess
[25] Paġġ. 6 – 8 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda **l-eċċezzjoni li l-kawża ma tressqitx fiż-żmien li trid il-liġi**, il-Kunsill imħarrek jgħid li l-azzjoni attriċi ma tistax tissokta għaliex din ma saritx fi żmien sitt xhur kif huwa meħtieġ li jsir skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12;

Illi, kif sewwa issottometta l-Kunsill imħarrek, huwa stabbilit illi ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[26], li jfisser li ż-żmien ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Iż-żmien jibda jgħaddi minn dakinhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel[27]. Għaldaqstant il-protest ġudizzjarju ta' Lidl tat-8 ta' April, 2014 ma seta' qatt serva biex iwaqqaf iż-żmien li kien għaddej minn meta ttieħdet id-deċiżjoni attakkata minnha;

Illi jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li d-deċiżjoni dwar il-bdil tas-sistema tat-traffiku fl-inħawi hija egħmil amministrattiv li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minn qari tar-Rikors Maħluf u x-xhieda mressqa, il-Qorti tqis illi l-ilment ewlieni ta' Lidl huwa t-tibdil li seħħ fis-sistema tat-traffiku mingħajr ma hija ġiet mgħarrfa bih, bir-riżultat li ma ngħatatx l-opportunita' illi tressaq l-ilmenti tagħha kontra dak li ġie propost mill-Kunsill imħarrek. Marbut sfiq ma' dan l-ilment huwa l-impatt li hija tgħid li seħħ hekk kif id-deċiżjoni minnha attakkata ħalliet fuq l-aċċess għall-istabiliment tagħha;

Illi Lidl tgħid li saret taf bit-tibdil fis-sinjali tat-traffiku f'dawk l-inħawi fit-12 ta' Marzu, 2014, meta twaħħlu s-sinjali tat-traffiku li wrew kif kellu jitmexxa t-traffiku fit-toroq qrib jew li jwasslu għall-istabiliment tagħha. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill imħarrek jgħid li kemm ir-residenti u kif ukoll sidien ta' stabilimenti kienu mgħarrfa bil-proġett u l-proċess li kien għaddej bejn il-Kunsill u t-Transport Malta sa mis-6 ta' Settembru, 2013, bid-deċiżjoni aħħarija tiġi mgħarrfa lilhom b'ittra li ġġib id-data tal-24 ta' Frar, 2014;

Illi ċ-ċirkostanza li tqum f'din il-kawża hija waħda ta' kredibilita': Lidl tgħid li ġiet imħollija barra mill-proċess ta' konsultazzjoni mill-Kunsill imħarrek bi skop, u dan sabiex il-proġett seta' jiġi attwat mingħajr tfixkil min-naħa tagħha. Il-Kunsill imħarrek, min-naħa l-oħra, jgħid illi r-residenti kollha, inkluż l-istabbilimenti fi Triq Misraħ il-Barrieri, ġew

[26] Ara fost l-oħrajn P.A. **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Zammit vs Awtorita` tal-Ippjanar*** (mhix ippubblikata); P.A. **27.06.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Izvilupp Socjali et***; P.A. **31.05.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et***; App. Ċiv. **7.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru***; P.A. **10.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi vs L-Awtorita' tat-Turizmu et***; u App. Ċiv. **10.05.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rapprezentanza Kunsill Lokali Pieta'*** fost oħrajn
[27] Art. 469A(3) tal-Kap 12

mgħarrfa bil-korrispondenza maħruġa minnha minn żmien għal żmien, inkluż l-istedina għal-laqgħa li saret għalihom u bid-deċiżjoni aħħarija. B'sostenn ta' dan, tressaq mhux biss kopja tal-petizzjoni li rċeviet mir-residenti tal-inħawi, iżda wkoll kopja tal-minuti tal-laqgħa li r-residenti kienu mistiedna għaliha, u l-ismijiet tal-persuni li attendew;

Illi minn dak li tressaq quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-24 ta' Frar, 2014 hija d-data li fiha l-kumpannija mħarrka messha saret taf bl-egħmil amministrattiv li tilmenta minnu, u li kien minn dakinhar li beda għaddej iż-żmien utli biex tikkontesta l-egħmil tal-Kunsill. Ma jidhirx li Lidl tista' tgħid li kellha tabilfors tara t-twaħħil tas-sinjali tat-traffiku biex tintebaħ li kienet ittieħdet id-deċiżjoni. Lanqas ma huwa ta' min joqgħod fuqu l-argument li ma kenitx konsultata jew iċċaħħdet milli tieħu sehem – bħalma għamel kull min ried u kellu interess – mill-proċess ta' konsultazzjoni li l-Kunsill nieda. Għall-provi (dokumentali) tajba li ressaq il-Kunsill dwar dan il-proċess, Lidl qajla ressqet provi li jwaqqgħu dak li sar. Il-proċess taż-żamma tal-laqgħat u l-iżviluppi li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni attakkata minn Lidl kienu mhux biss dokumentati, imma disponibbli fid-dieher għall-attenzjoni u l-għarfien pubbliku. Jekk Lidl ma tatx każ ta' dak li kien għaddej, ma jaħtix għalih il-Kunsill imħarrek u ma jiġġustifikax li hija setgħet damet ma ntebħet x'inhu jsir;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-eċċezzjoni tal-Kunsill imħarrek hija tajba, u dan għas-segwenti raġunijiet. Jibda biex jingħad li l-Qorti tagħraf li Kunsill ta' lokalita' huwa awtorita' pubblika imwaqqfa b'ligi, u li hija mistennija li timxi b'rigorożita' fl-aġir tagħha. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ħareġ li l-proċess biex seħħ it-tibdil fis-sistema tat-traffiku kien ilu għaddej minn tal-anqas sitt (6) xhur qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni. Deċizjoni aħħarija bħal din ma titteħidx mil-lum għal għada iżda wara konsultazzjoni mill-Kunsill mal-Awtorita' responsabbli mit-toroq, laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti u diskussjoni interna fost il-membri tiegħu. Dan waħdu jagħti kredibilita' lill-Kunsill imħarrek li mexa kif kien mistenni minnu li jagħmel f'sitwazzjoni bħal din u kif titlob ukoll il-liġi li taħtha huwa mwaqqaf;

Illi l-Qorti ma tistax twarrab minn quddiemha l-fatt li fil-lokalita' ta' Santa Venera Lidl tmexxi stabbiliment li huwa kbir u mpenjattiv, li jimpjega ħafna nies u li dawk fuq ta' quddiem, li jiġu f'kuntatt mal-pubbliku jinbidlu b'mod kontinwu. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-possibilta' li korrispondenza mibgħuta fl-istabiliment tintilef, titqatta' jew ma tasalx fl-uffiċju ewlieni tal-kumpannija mhix daqshekk remota. Imma ċirkostanza bħal din ma tistax tintefa' fuq il-Kunsill iżda fuq l-organiżżazzjoni interna fi ħdan l-istess Lidl. Il-fatt li f'laqgħa li nżammet f'Marzu tal-2014 mas-sindku tal-Kunsill imħarrek, rappreżentant ta' Lidl (ix-xhud ma ġiet

kontradett) talab li għall-ġejjieni kull korrispondenza għandha tintbagħat direttfl-uffiċini tagħha ġewwa Ħal Luqa, titfa' dawl fuq dan u l-Qorti ma tistax ma tqishiex bħala siewja ħafna biex tqis kemm huwa minnu li Lidl tgħid li tħalliet fil-għama dwar dak li kien għaddej;

Illi minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, joħroġ ċar li d-data meqjusa minn Lidl bħala dik li fiha saret taf li kienet ittieħdet id-deċiżjoni hija data magħżula arbitrarjament u ma tistax issejjes id-deċiżjoni tagħha li kien minn dakinhar (magħżul minnha) li setgħet tmexxi 'l quddiem il-kawża tal-lum. Għall-kuntrarju, id-deċiżjoni ttieħdet qabel dakinhar u meta nfetħet din il-kawża ż-żmien perentorju ta' sitt (6) xhur stabiliti mil-liġi kien laħaq għalaq;

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kunsill imħarrek hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, mhuwiex meħtieġ li tgħaddi biex tistħarreġ ukoll ir-raba' eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni eċċeżżjoni preliminari** tal-Kunsilli imħarrek billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-kumpannija attriċi naqset li tiftaħ din il-kawża fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi; u

**Teħles** lill-Kunsill imħarrek milli jibqa' aktar fil-kawża, bi **spejjeż** għall-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**16 ta' Frar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Frar, 2017**